# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

26 ta' Settembru, 2022

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.38 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Francesca Borg – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 44

44.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 43 – 9;
44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
44.5 Komunikazzjoni;
44.6 Attivitajiet u Avvenimenti Ottubru – Diċembru 2022;
44.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
44.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 9/2022;
44.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

44.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Gauci ċempel u bgħat permezz ta' imejl jinforma lill-Kunsill li ma jistgħax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

## 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 43 – 9

44.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 43 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

44.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita fejn fl-aħħar waslu l-kampjuni tal-materjal li se jintuża. Is-Sindku qal li hu stieden lil Perit biex jgħati spjegazzjoni ta dawn il-kampjuni u fejn se jitużaw u anke jekk il-Kunsill ikun irid ikun jista jistaqsi xi kjarifiċi fuq dan il-proġett.  Hu nforma li nhar il-Ġimgħa li għaddiet saret il laqgħa li ssir ta' kull ġimgħa fejn is-Sindku ġibed l-attenzjoni li x-xogħolijiet ma għadhomx għaddejin b'dak ir-ritmu kif jitlob il-kuntratt ovvjament mhux minn naħa tal-Kunsill iżda tal-kuntrattur. Is-Sindku qal li flimkien mall-Perit u l-Project Manager talbu l-programme of works li għadu ma ġiex aġġornat kif mitlub waqt dawn il-laqgħat li qed isiru kull ġimgħa u hu esiġa li sa għada filgħaxija dan għandu ikun għandna. Ir-raġuni hi li dan qed niddiskutuh u ma jistgħax jintilef ħin biex dan il-proġett jitwettaq. Il-Kunsillier Tewma staqsa jekk il-Project Manager hux qed jgħafas fuq il-kuntrattur biex dan ix-xogħol isir. Is-Sindku wieġeb iva anzi qed jiktbilhom kull darba. Il-Kunsillier Bajada qajjem punt li dawn ir-residenti tal-lokal qed ibgħatu, s-Sindku qal li hu hekk qallu lill-Kuntrattur meta waqfu għal madwar ħmistax il-ġurnata li dawn ir-residenti inkluż dawk l-istabbilimenti. Ix-xogħol tas-service culvert li kien jaqsam Triq Sannat tlesta u ssaqqaf b'hekk din Triq Sannat għal Pjazza ġiet aċċessibli. Il-Kunsill kompla jiddiskuti dan il-proġett li jinkludi ukoll iż-żuniter tal-knisja. Is-Sindku kien qal li minnaħa tal-Superintendence of Cultural Heritage kienu talbu lill-Kunsill li d-dwal tal-Knisja riedu jkunu dimmable u għalhekk il-Kunsill kien talab u rċieva il-kwotazzjoni mingħand il-Kuntrattur għal dan ix-xogħol tal-faċċata u ta' madwar il-Knisja Parrokjali. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

44.3.2 Is-Sindku qal li l-Kuntrattur preżenta lill-Kunsill  kont (Interim) li dan għadu irid jiġi ċċertifikat mill-Perit.

44.3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet mill-laqgħa preċedenti l'hawn u li dawn se jintbagħtu lid-Direttur tal-EcoGozo (MGOZ) ġa la darba se jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-ħlasijiet huma:
Ing. Christian Cordina għal servizz ta' Project Manager għax-xahar ta' Awwissu 2022 €1260.00

44.3.4 Is-Sindku qal li dwar l-kontijiet ta’ AIS Archaeology għal Archaeological monitoring ta’ Lulju 2022 ammont ta’ €335.95 u ta’ ammont ta’ Awwissu 2022 €413.47 iridu jitħallsu mill-Kunsill peress li mhux koperti mill-kuntratt li l-Kunsill għandu mall-MGOZ.

44.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 29 ta’ Settembru 2022 fl-uffiċċju tal-Kunsill fid-9.00 a.m. ser issir laqgħa mall-Community Policing. Is-Sindku qal li hu mhux kuntent bis-servizz tal-Community Policing u ma jafx jekk ir-residenti avviċinawx lill-Kunsillieri dwar dan. Dan peress li mhux qed jidhru fil-lokalita speċjalment fejn qed isiru xogħol ta’ kostruzzjoni peress li t-toroq qed jitħamġu b’dan it-tip ta’ xogħol ta kostruzzjoni u r-residenti qed jilmentaw dwar dan. Is-Sindku qal li triq partikolari spiċċat b’xebgħa taqtir taż-żejt mill-makkinarju tal-krejn fejn il-Kunsill kellu jgħamel l-almu kollu meħtieġ biex dan jindaf. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta talab l-għajnuna tas-Surġent tal-Community Policing dejjem ġew u ħadu l-azzjoni meħtieġa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li l-Community Police li hawn assenjat f’Ta’ Sannat qed assenjat ukoll fil-lokalita’ tax-Xewkija. Is-Sindku qal li l-Community Policing fil-laqgħat qalulna li Ta’ Sannat huwa wieħed mill-lokalitajiet li ma jkollux ilmenti pero b’daqshekk ma jfissirx li ma hemmx il-bżonn ta’ dan l-uffiċċjal fil-lokalita’ minħabba diversi raġunijiet speċjalment parkeġġ. L-Ambaxxattiċi għaż-żgħażagħ ġibdet l-attenzjoni li mhux l-ewwel darba li fuq l-istage tax-xarabank, ix-xarabank ma tgħaddix dan meta jinħareġ xi permess ta’ krejn eċċ. Is-Sindku qal li kull meta jinħareġ permess bis-sistema l-ġdida tal-Local Permits l-entitajiet inkluż tal-Public Transport ikunu nfurmati b’dan u l-Kunsill jikteb ukoll fuq il-paġna soċjali Facebook bil-post indikat eżatt.

44.3.6 Fis-2.03 p.m. il-Perit ġie għal din il-laqgħa fejn spjega l-materjal li rċevejna sa issa u fejn ser jintuża dan. Il-Perit qal li għad fadal l-kampjuni tal-water gutters, l-kurduna tal-bankini u dak tal-karreġġjata tat-triq. Il-Perit qal li b’dawn il-kampjuni li ppreżentaw huwa sodisfat. Il-Kunsillieri staqsew xi domandi dwar dawn il-materjali. Is-Sindku talab lill-Perit u lill-Kunsill biex nibdew naħdmu fuq l-għamara għal dan il-proġett tal-Pjazza. Il-Perit spjega il-kont li ppreżenta l-kuntrattur fuq dan il-proġett u hu qal li ċċertifikat. Is-Sindku talbu l-kont tiegħu ukoll biex il-Kunsill japprovah u b’hekk il-Kunsill ikun jista jippreżentaħ lill-MGOZ biex dawn jitħallsu.

44.3.7 Is-Sindku qal li kif kien qal fil-laqgħa preċedenti dwar il-Kalkara tal-Ġir hemm xi ħsarat ta xi ġebel li waqgħu bl-aħħar xita u li jistgħu ikunu ta’ periklu. Is-Sindku talab lill-Perit biex jipprepara l-ispesifikazzjonijiet għal ħruġ tal-offerta għar-restawr tal-Kalkara tal-Ġir . Il-Perit qal li jaf li kellu jipprepara l-ispecification għal ħruġ tal-offerta għal dan ir-restawr b’fondi mill-LESA pero għadu ma ppreżenta xejn. Il-Kunsill talbu biex jagħmel dan.

44.3.8 Is-Sindku semmha ukoll dwar il-Proġett tal-Pjazzetta ta’ l-Isqof Davide Cocco Palmieri fejn il-Kunsill kien ibbenefika fondi mid-DPF (Awtorita’ tal-Ippjanar) biex issir laqgħa ma’ xi membru ta’ dan il-board.

44.3.9 Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa mall-Ministeru għal Għawdex dwar it-toroq Triq Paranji, Triq Dun Lazzru Camilleri, Triq Gerxija u Triq Xamgħan biex dawn it-toroq jingħataw tarmak ġdid. Il-Kunsill għandu jinforma b’dan lill-entitajiet bħal WSC, EneMalta, Go plc, Melita u Epic. Għal dan il-għan il-Kunsill talab lill-Perit biex ilesti l-BOQ ta’ dawn it-toroq.

44.3.10 Is-Sindku semmha li x’aktarx ħierġa miżura 4.3 fondi mill-Unjoni Ewropeja u li l-Kunsill jixtieq li japplika biex jiġu asfaltati toroq li jgħatu għal egħlieqi.

44.3.11 Is-Sindku fakkar lill-Perit dwar it-traffic management ta' Triq Ta' Cenc, Triq Marsilja u Triq Xabbata biex jekk għandu l-pjanti dawn jintbgħatu lill-Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom. Il-Perit qal li jrid jara x'kien għamel dwar dan. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Superjur tal-MUSEUM kien talab li jiġi misluf flat screen il-kbir għal quiz li kien qed itella' għat-tfal u li dan qal li ma setax jintuża għaliex instab miksur l-iscreen. Il-Viċi Sindku qalet li "f'kelma waħda ma trid issellef xejn". Is-Segretarju Eżekuttiv nforma b'dan lis-supplier fejn dan qal li biex jissewwa hemm spiza ta' madwar €700. Il-Kunsill qabel li dan jiġi rranġat.

44.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li 9 seater Citroen Van eletronika waslet Is-Sindku qal li ma din il-van li għandhom jiġu nstallati fuqha artwork u l-logos tal-Kunsill u l-logo tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali minn fejn inġabu l-fondi u dak ta' Transport Malta. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali stieden lis-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Alison Zerafa Civelli biex din tiġi nawgurata, din għandha tagħtina data meta jista jsir dan.

44.3.14 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għall-air-conditioner fir-reception tal-Kunsill. Il-Kunsill wara li ra dawn il-kwotazzjonijiet qabel li jinstalla l-irħas kwotazzjonijiet.

44.3.15 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet tad-dawl dekorattiv għal-żmien il-Milied u l-ewwel tas-sena. Il-Kunsill ra dawn id-disinni u qabel ma disinn minnhom. Is-Sindku qal li mportanti li dan jinxteghel fl-1 ta' Diċembru 2022 sa 6 ta' Jannar 2022. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.3.16 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-lapida li kienet ġiet nstallata tal-fanali minn fondi tal-UIF li hemm ħdejn il-Kalkara tal-Ġir fi Triq Sannat titneħħa peress li dawn ilhom ħafna li tneħħew.

44.3.17 Is-Sindku qal li l-ġardinar assenjat mall-Kunsill qal li fil-ġnien tal-bidwi qal li għad hemm lok li jitħawlu aktar siġar tal-frott. Il-Kunsill qabel li jitħawlu 12 il-siġra oħra.

44.3.18 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill fil-wirja agrikola ta' Santa Marija kien sellef il-karrettun li hemm fil-Ġnien tal-Bidwi u li wara li dawn rrestawrawh dan il-karettun kienu ssuġġerew li dan jiġi msaqqaf b'tali mod li dan jiġi protett mill-elementi naturali. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.3.19 Is-Sindku qal li l-amministrazzjoni talbet biex ikollna aktar storage units anke fil-kamra tal-ġalarija ta' fuq. Is-Sindku qal li fl-arkivju għad fadal xi spazzju li jista jintuża.

## 44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

44.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

44.4.2 L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ qalet li kellhom laqgħa mar-Reġjun dwar xi applikazzjonijiet għal xi proġetti. Is-Sindku qal li hemm xi Youth Exchanges biex il-Kunsill ikun jista japplika għalihom. Is-Sindku semmha lista ta' temi li l-Kunsill jista japplika għalihom.

## 44.5 Komunikazzjoni

44.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

30 ta' Awwissu 2022 – Cir AKL 2022/085 – Dati ta' għeluq snin Sindki, Kunsilliera, SE u ħaddiema
12 ta' Settembru 2022 – Cir AKL 2022/086 – Sessjoni Informattiva – Direttorat għal Żvilupp Sostenibbli
14 ta' Settembru 2022 – Cir AKL 2022/087 – Proġett – 30 Anniversarju Gvern Lokali
14 ta' Settembru 2022 – Cir AKL 2022/088 – Parteċipazzjoni fil-programm illum ma' Steph għas-sena 2022/2023
15 ta' Settembru 2022 – Cir AKL 2022/089 – European Local Democracy Week 22/23 t' Ottubru 2022
16 ta' Settembru 2022 – Cir AKL 2022/090 – Infrastructure Malta – Plan for Interventions on Rural roads. Is-Sindku staqsa dwar din iċ-Ċirkulari u l-Kunsill għandu japplika għal Triq id-Daħla taċ-Ċnus u Triq tal-Gruwa.
19 ta' Settembru 2022 – Cir AKL 2022/091 – Tindif ta' Culverts
22 ta' Settembru 2022 – Cir AKL 2022/92 – Sessjoni ta' informazzjoni mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija 25/10/2022
22 ta' Settembru 2022 – Cir AKL 2022/92 – Grant Scheme for the Implementation of Active Mobility or Citizen Engagement Measures
22 ta' Settembru 2022 – Cir AKL 2022/93 – Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki 05/11/2022. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qallu li se jattendu.

44.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Din kienet dwar:
29 ta' Awwissu 2022 – ATTN: Women4IT Project
31 ta' Awwissu 2022 – ATTN: #EURegionsWeek 2022: Online Registration is now OPEN!!
06 ta' Settembru 2022 – ATTN: Launch of Digital Platform – Timeline Gozo
07 ta' Settembru 2022 – Aratabella – Road Sign Solar Lights
15 ta' Settembru 2022 – Proċess ta' Konsultazzjoni għall-Istrateġija tal-Gvern Lokali
19 ta' Settembru 2022 – ATTN: Launch of Digital Platform – Timeline Gozo – KIND REMINDER

## 44.6 Attivitajiet u Avvenimenti Ottubru – Diċembru 2022

44.6.1 Is-Sindku qal li nhar nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022, fis-6.30 p.m. ġiet organizzata ħarġa bit-train u li din kienet mimlija u dawk li attendew ssuġġerew li terġa ssir.

44.6.2 Is-Sindku ssuġġerrixxa li ssir ħarġa kulturali għal Malta. Il-Kunsill għandu jaħseb għal programm biex għal l-aħħar ta' Ottubru ssir din il-ħarġa. Is-Sindku qal li hu tajjeb li jitkompla l-patt ta ħbiberija mall-Kunsill Lokali tal-Kalkara u għalhekk għanda ssir talba biex issir żjara ta' korteżija. Is-Sindku qal li se jipprova jgħamel arranġament biex jekk hu possibli ssir żjara wkoll fil-berġa ta' Kastilja.

44.6.3 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 17 ta' Settembru 2022 fi Pjazza Santa Margerita quddiem il-klabs u r-restaurant ġiet mistiedna l-band ta' Jolene Samhan biex b'hekk kien hemm atmosfera isbaħ fil-pjazza fejn kien hemm kumplimenti posittivi dwar din l-attivita. Is-Sindku qal li kemm il-klabbs kif ukoll r-restaurant li hemm fil-Pjazza qalu li jixtiequ li jsiru u jiġu organizzati attivitajiet simili.

44.6.4 Is-Sindku qal l-Kunsill kien ġie avviċinat minn JP2 Foundation biex issir kommemorazzjoni mill-mewt tal-Majesta Tagħha r-Reġina Eliżabetta II bl-isem In Memoriam li fl-1951 kienet żaret Ta' Sannat. Għalhekk dakinhar tad-difna tagħha nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2022 fit-8.30 p.m. saret din il-kommemorazzjoni eżatt quddiem id-dar li fiha kienet daħlet ir-

Reġina dakinhar Prinċipessa fi Pjazzetta tax-Xelina. Għal din l-kommemorazzjoni kien hemm numru sabiħ ta' attendenza.

44.6.5 Is-Sindku qal li kif kien issuġġerixxa u l-Kunsill qabel fix-xaħar preċedenti biex f'dan ix-xahar ta' Settembru isir Għana Fest bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Drammatika Sannat, din ser isir nhar is-Sibt li ġej 2 ta' Ottubru 2022 fi Pjazzetta Cocco Palmeri, fis-7.30 p.m. Is-Sindku spjega din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.6.6 Is-Sindku qal li bħaI ma ddiskuta f'laqgħat preċedenti ser issir t-tifkira mit-80 sena mit-traġedja tal-10 ta' Ottubru 1942. Għal dan il-għan is-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita ġiet mistiedna sabiex ittella' kunċert tal-okkażżjoni nhar il-Ħadd 9 ta' Ottubru 1942 għal prezz ta' €1400. Is-Sur Charles Bezzina ġie mistieden biex jgħamel diskors tal-okkazzjoni. L-għada l-istudenti tal-year 5 u 6 se jkunu mistiedna fil-post fi Triq il-Kbira fejn se tingħata informazzjoni dwar din it-traġedja mis-Sur Charles Bezzina. Il-Kunsill qabel li għandu jinħaraq salut dak inhar fl-istess fil-ħin li saret din it-traġedja biex tikkommemora u b'dedika lil dawn il-vittmi dan. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.6.7 Is-Sindku qal li kif kien issuġġerixxa u l-Kunsill qabel fix-xahar ta' Ottubru ser isir Beer Festival. Id-data se tkun nhar is-Sibt 15 ta' Ottubru 2022 fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri. Is-Sindku qal li għadu qed jiddiskuti dwar din l-attivita biex jara x'entertainment se jsir, aktar dettalji jingħataw il-quddiem peress li qed nistennew risposti dwar din l-attivita'. L-NGO's tal-lokalita' għandhom jipparteċipaw f'din l-attivita bħal ma għamlu fil-wine festival.

44.6.8 Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru 2022 World Children's Day ser isir bħal ma kien isir fi snin preċedenti qabel faqqet il-pandemija tal-Covid-19. Din id-darba peress li Pjazza Santa Margerita tinsab maqlugħa minħabba l-proġett din l-attivita qed jissuġġerixxi li ssir fi Triq Ta' Ċenċ quddiem il-Ħotel Ta' Ċenċ. F'każ ta' maltemp din l-attivita' tiġi mħassra. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.6.9 Is-Sindku qal li dwar l-attivitajiet ta' Diċembru wieħed għandu jiddiskuti ftit biex ma jaħbtux ma attivitajiet oħra li jiġu organizzati fil-lokalita'. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri biex fil-laqgħa li jmiss jiġu b'xi proposti biex b'hekk inkunu nistgħu niddiskutuhom flimkien.

## 44.7 Ilmenti u Suġġerimenti

44.7.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident fejn ilmenta rigward ħmieġ li qed iħallu n-nies li jiġu fil-farmhouses li hemm fi Triq Marsilja. Huwa ilmenta ukoll li taħt is-siġra dejjem qed ikun mimli bil-weraq tas-siġra tal-ficus għax darba biss fil-ġimgħa tiġi miknusa. Huwa qal ukoll li l-qsari li tpoġġew taħt is-siġra dejjem mimlijin bil-ħmieġ u skart. Huwa qal ukoll li hemm bank miksur taħt is-siġra. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li l-Kunsill ha azzjoni rigward dawn l-ilmenti. Apparti dawk l-ilmeti dan ir-resident ilmenta ukoll rigward il-mod kif qed jipparkjaw taħt is-siġra bil-perikli kollha li qed jinħolqu. Snin ilu huwa kien issuġġerixxa li din is-siġra tiddawwar bil-madum u ssir parti mill-bankina biex jitnaqqas il-periklu. Huwa staqsa ukoll meta ħa jinqala l-arblu tad-dawl il-qadim. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkellem lill-Perit dwar traffic management.

44.7.2 Resident li joqgħod fi Triq Sannat talab li jsir *disabled parking* f'din it-triq. Is-Sindku qal li din ma tistgħax issir għalissa peress li f'din it-triq iridu jsiru l-belisha lights u ż-żebra crossings u li dawl għal belisha lights iridu jgħaddu mis-service culvert il-ġdid li sar biex b'hekk wara jiġu ffurmati l-parking bays f'din it-triq u jkun jista jsir dan id-disabled parking.

44.7.3 B'referenza għall-ilment numru 34/2022, residenta qed titlob biex ssir mera faċċata tal-blokka tal-apartamenti fi Triq Ta' Ċenċ, dan peress li l-vetturi li joħorġu mill-*underground garages* ma jkunux jistgħu jaraw min ikun tiela. Is-Sindku qal li ovvjament f'din it-triq saru diversi mirja u hu qed jissuġġerixxi li ssir. Il-Kunsill qabel ma dan.

44.7.4 Is-Sindku qal li kif talbu xi residenti fil-laqgħa preċendenti fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq l-20 ta' Lulju ma hemmx lok fejn teħel mera biex ninfurmaw li dawk li għamlu din il-proposta.

44.7.5 Is-Sindku qal li jrid jitkellem ma Transport Malta biex jitwaħħlu tabelli apposta u jsiru sinjali biex dawn jiddevjaw it-traffiku fi Triq il-Kbira meta tkun sejjer il-Munxar.

44.7.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Pinnur, fejn ilmenta rigward skart li hemm fuq bankina f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li kellem lis-sid sabiex ikun jista jnaddaf u dan it-tindif sar.

44.7.7 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħaxix ħażin fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dan qed jinqata mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

44.7.8 B'referenza għall-ilment numru 35/2022, persuna talab li ssir kurduna biex tilqa l-ilma tax-xita li jinżel b'saħħtu minn Triq Saguna fejn għandu binja li se tkun ir-residenża tiegħu u li din qed tiġi rinovata. Huwa qed jitlob li jsir dan peress li presentament l-ilma tax-xita qiegħed jidħol direttament fil-post tiegħu minħabba li m'hemmx bankina. Huwa jixtieq li ssir kurduna biss għalissa peress li x-xogħolijiet għadhom għaddejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

44.7.9 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kbira fejn irringrazzja lil Kunsill tal-azzjoni li minħabba l-yellow lines fi Triq il-Kbira li kien ilmenta fuqhom.

44.7.10 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System,* fejn talab li jiġi rranġat fanal miksur u perikoluż fi Triq Ta' Ċenċ ħdejn il-lukanda Ta' Ċenċ.

44.7.11 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System*, fejn talab l-għajnuna biex jinżabru s-siġar tal-Ficus fi Triq Marsilja, Triq il-Kbira u Triq Sannat. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill għandux permess mill-ERA. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għandu.

44.7.12 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li tmexxi *clean up group,* fejn tagħat update rigward *clean up* li saret f'Ta' Cenc, fejn il-voluntiera ġabru 17 il-borża skart u 3 boroz ħġieġ imkisera. Hija qalet li qabel bdew inadfu iltaqet ma xi turisti li kienu ixxukjati kemm kien hemm ħmieġ f'dik l-area. Hija qalet li dan huwa riżultat għax ma hemmx bins f'din l-area. Is-Sindku qal li din hija propjeta privata u l-Kunsill ma jistgħax iwaħħal dawn il-bins f'din il-propjeta.

44.7.13 Il-Kunsill irċieva pemezz tal-messenger fejn saret talba biex nhar il-Ħadd 9 ta' Ottubru 2022 isir bithday party żgħir fil-playing field fi Triq Marziena. Il-Kunsill qabel li jingħata l-permess bil-kundizzjonijiet li titnaddaf l-parti ta' fejn ser jintuża u jibqa aċċessibli li l-publikku jkun jista juża dan il-post.

44.7.14 Il-Kunsillier Tewma qal li xi ndividwi minn Triq Pisoniano talbu li jsiru double yellow lines peress li mhux qed ikunu jistgħu jgħaddu minn din it-triq għal Triq Żabbetta.

44.7.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li xi ndividwi reġgħu talbu biex fi Triq ix-Xewkija jsiru road humps minħabba l-velocita tas-sewqan li qed issir f'din it-triq. Il-Kunsillier Tewma qal li hu kien talab biex issir talba lill-Transport Malta. Il-Kunsill qabel u qal li din it-talba għandha ssir lil Transport Malta. Il-Viċi Sindku talbet ukoll biex din it-triq titwessa. Il-Kunsill talab biex isir talba lil Lands Department.

44.7.16 Is-Sindku qal li fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942 hemm il-ħtieġa li jsiru double yellow lines peress li qed issir ħsara f'gallerija ta' dar privata.

## 44.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9/2022

44.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 9/2022 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Bajada u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 44.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

44.9.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.05 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 27 ta' Ottubru, 2022

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv